# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GħAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* | MARZU 1942

## RADD IL-ĦAJR

KELMA FUQ "IL-MALTI" TA' DIĊEMBRU, 1941.

Jiena dejjem fhimt illi "Il-Malti" li joħroġ kull tliet xhur mill-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" kien mhux biss l-organu tagħha bħala soċjetà letterarja, iżda wkoll is-simbolu ta' ħajja spiritwali tal-membri tagħha kollha f'rabta ta' qima u ta' mħabba lejn xulxin.

Il-kittieba tal-Malti, sewwa żgħażagħ u sewwa xjuħ, ma jaħdmux biss biex ifettħu u jħaddmu s-setgħat moħbija tal-Isien nazzjonali tagħna, jurn l-ġmiel tiegħu, ikabbru s-siwi tiegħu u jagħtuh dik ix-xejra u dik il-mixja ħielsa, ħafifa u rżina li twasslu għall-jedd li joqgħod ma' l ilsna letterarji tad-dinja, le, huma jfittxu wkoll illi fil-ħsebijiet tagħhom, fit-tqanqil ta' qalbhom, fil-bini tal-karattru tagħhom jaħdmu annuna, u jrabbu bejniethom sentimenti ta' mħabba, ta' qima, ta' mogħdrija li tagħmilhom tassew bħala familja waħda.

Iżda, jekk dejjem emmint hekk, il-ħarġa ta' "Il-Malti" ta' Diċembru li għadda wettqitni iżjed u iżjed f'din il-fehma; għaliex jiena qatt ma kont nistenna, anqas ma kont qatt nobsor, li kellu jkolli xhieda hekk qawwija u sħiħa tal-qima li l-membri tal-Għaqda wrewni f'din il-Ħarġa Speċjali li għo-ġobhom jaħtruli f'egħluq is-sebgħin sena ta' ħajti. Kulma studjajt, kulma ħsibt, kulma ktibt, kulma għallimt fil-għomor tiegħi qaluh bl-aħjar u bl-isbaħ kliem: tistħajjel li aktar baqgħu jiftakru huma dak li għaddejt minnu jien ma' tul is-sebgħin sena tiegħi, milli bqajt niftakru jiena n-nifsi.

B'qalbi f'idejja nistqarr li ma kienx jistħoqqli dak it-tifħir kollu li tawni; imma fejn titħaddet il-qalb kollox jikber, kollox jisbieħ, kollox jistagħna. Għalhekk, jiena nista' nħalli fil-

ġenb dak kollu li hu tiegħi, iżda ma nistax ma nroddx ħajr minn qalbi lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor, — b'artikoli ta' proża mimlija, mwieżna, mexxejja, jew b'xi versi mħeġġa u sbieħ, jew b'xi ħedma oħra—riedu jfissruli dak li f'qalbhom iħossu għalija bħala ħabib, jew bħala membru mill-eqdem tal-"Għaqda", inkella bħala wieħed li ħadem b'ħiltu kollha biex isaħħaħ u jsebbaħ il-Lsien Malti, u jagħni l-letteratura tiegħu.

Jalla tissokta tikber u titwettaq din ir-rabta ta' mħabba bejnietna.